# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 19 ta' Mejju 2000**

**Numru 52**

**Citaz. numru 328/94 DS**

Dr. Simon Micallef Stafrace bhala rapprezentant tas-socjeta` Formosa & Camilleri Ltd. u din bhala agenti Malta tas-socjeta` assikuratrici estera Guardian Royal Exchange Assurance plc proprio u kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Continental Cars Limited

vs

Godwin Abela u Alfred E. Aquilina ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` The Cargo Handling Company Limited, u James Gollcher u Karl Gollcher ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Gollcher Company Limited agenti Malta ta' Gilnavi Societa` di Navigazione S.r.l. armaturi tal-vapur City of Dublin u b'nota tad-29 ta' Marzu 1994 Michael Chetcuti assuma l-atti tal-kawza bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Gollcher Company Limited bhala agenti Malta ta' Gilnavi Societa` di navigazione S.r.l.

Illum, 19 ta' Mejju 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fl-4 ta' Marzu 1994 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta illi s-socjeta Continental Cars Limited importat gewwa Malta fuq il-vapur City of Dublin konsenja ta' vetturi Citroen li waslu Malta fis-16 ta' April 1993.

Billi din il-merkanzija giet ikkonsenjata lill-assigurat tal-attur bin-nuqqasijiet u danni elenkati fid-Dok. A.

Billi ai termini tal-polza ta' assigurazzjoni bejn l-attur nomine u l-assigurat tieghu hu kellu jindenizza lill-assigurat tieghu tan-nuqqasijiet u danni li gew lilu kawzati u b'hekk issa hu gie surrogat fid-drittijiet ta' l-istess assigurat.

Billi l-attur nomine jikkwantifika dawn in-nuqqasijiet u danni riportati fil-merkanzija tal-assigurat tieghu fl-ammont ta' mitejn u tletin lira (Lm230) li maghhom jizdied l-ammont ta' sitta u disghin lira (Lm96) bhala survey fee ghalhekk danni totali sofferti mill-attur nomine fl-ammont ta' tlett mija u sitta u ghoxrin lira (Lm326).

Billi l-konvenuti nomine jew min minnhom huma responsabbli ghal dawn id-danni.

talab lil din il-Qorti;

1. Tiddikjara lilll-konvenuti nomine jew min minnhom responsabbli ghad-danni kagjonati fil-merkanzija tal-assigurat tal-attur nomine li ghalihom ghamel tajjeb l-attur nomine;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur nomine fis-somma ta' Lm326;

3. Tikkundanna lill-konvenuti nomine jew min minnhom ihallsu lill-attur nomine is-somma ta' Lm326 bhala danni sofferti mill-attur nomine li ghalihom huma responsabbli l-konvenuti jew min minnhom.

Bl-ispejjes u l-interessi legali mid-data tal-pagament indikat fis-surroga fic-cirkostanzi u minhabba l-obbligi hawn fuq premessi, kontra l-konvenuti nomine li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Michael Chetcuti nomine fejn qal:

Illi in linea preliminari l-attur irid jipprova li s-socjeta' Continental Cars Limited kellha titolu ghall-merkanzija in kwistjoni u li ghalhekk is-

surroga tad-drittijiet li saret a favur tas-socjeta' attrici kienet tirreferi ghall-mertu ta' dan il-kaz. Fin-nuqqas ta' din il-prova ma tirrizulta ebda relazzjoni giuridika bejn il-kontendenti u ghalhekk it-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghall-premess il-konvenut mhuwiex responsabbli ghall-hsarat jew nuqqasijiet allegati u lanqas ghall-ispejjez tas-survey.

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, kwalunkwe responsabbilita li tista' tigi stabbilita fil-konfront tat-trasportatur hija limitata skond il-polza u skond il-ligi.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Godwin Abela et nomine fejn qalu:

1. Illi preliminarjament din il-Qorti hija inkompetenti "RATIONE VALORES" stante li d-danni allegatament sofferti jammontaw anqas minn Lm250.00,0 u dana peress (a) li s-survey fees m'humiex danni apparti li huma esagerati (b) tali survey fees is-socjeta attrici m'ghandiex dritt ghalihom stante li lanqas tezisti surroga dwar l-istess.

2. Illi fit-tieni lok it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut nomine huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-merkanzija "de quo" giet sbarkata minn fuq il-vapur bil-hsara kif jirrizulta mill-Joint Tally Sheet Nru. 58238 hawn annessa.

3. Illi fit-tielet lok il-konvenut Godwin Abela nomine jissoleva li ma' kienx fi kwelunkwe kaz risponsabbli ghall-kwalunkwe hsarat u nuqqas allegati mis-socjeta attrici u dana ai termini tar-Regolament Nru. 86 dwar il-Portijiet - 1966.

4. Illi fir-raba lok u bla pregudizzju ghall-premess ghandha tigi ppruvata l-allegata surroga.

5. Illi fil-hames lok u bla pregudizzju ghall-premess ghandha ssir prova kif, meta u minn min sar l-allegat hlas ta' l-allegati danni.

6. Illi fl-ahharnett u bla pregudizzju ghall-premess, l-interessi jiddekorru mid-data tac-citazzjoni stante li si tratta dwar kawza ta'

danni u dana skond sentenza deciza fis-sitta (6) t'April 1992 fil-Qorti ta' l-Appell Sede Kummercjali fl-ismijiet Dr. Robert Staines u Walter Camilleri vs Chev. Silvio Mifsud u Godwin Abela u John Cavallo (Citaz. nru 112/86).

7. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu rispinti bl-ispejjez kontra l-attur nomine.

Salvi eccezjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti Godwin Abela et nomine fejn qalu:

1. Illi bla pregudizju ghall-eccezzjonijiet gia sollevati, l-konvenut Godwin Abela et noe mhux responsabbli ghall-allegati danni u nuqqas u dana ai termini ta' l-Artikolu 70 tal-Port Regulations ta' l-1966 (Amended by Legal Notice 28/73) li jistipola li "in the case of unit loads or unitised cargo, the Director of Ports or his contractor may, subject to the provisions of these regulations, give a receipt for the quantity only of unit load received from the ship". unit load skond l-Att IX ta' l-1973 inter alia jinkludi vehicles or trailers rolled on or off a ship. Illi dwar il-kontenut ta' l-istess vetturi, wiehed jirreferi ukoll ghall-klawsola fl-istess polza ta' karigu li tipprovdi li "wieght, measure, marks, numbers, quality, contents and value if mentioned in the Bill of Lading are considered unknown".

2. Illi di piu ai termini ta' l-Art. 6(3) (a) (v) (vi) tal-Port Ordinance 1962 u l-Art. 90 u Schedule 13 tal-Port Regulations 1966 tali vetturi fil-berah ikunu dejjem "at the sole risk of the owner" (KF 15.11.93. Ray Micallef vs Godwin Abela - AK 16.3.92 Reginald Micallef vs Godwin Abela) u ghalhekk anke f'dan il-kaz, is-socejta konvenuta m'hijiex risponsabbli.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:

Dwar l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta Gollcher Co. Ltd.: Mill-provi prodotti l-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li kienet is-socjeta` Continental Cars Limited li importat f'Malta l-karrozzi in kwistjoni. Dan johrog car minn diversi dokumenti esebiti li jirreferu ghall-kumpanija Continental Cars Ltd. u b'mod partikolari d-dokumenti A sa X a fol. 6 sa 31 tal-process u d-dokumenti Z u A1 sa A9 a fol. 33 sa 42 tal-process. L-unika referenza ghal socjeta` b'isem differenti tinsab fil-polza ta' kariku (Dok. Y a fol. 32) fejn hemm indikat "Citroen Malta Ltd". Izda fid-dawl tad-dokumenti l-ohra esebiti, tad-dikjarazzjoni guramentata u tax-xiehda mismugha, jidher li dik l-indikazzjoni kienet erroneja u li s-socjeta` importatrici u dik allura li ressqet il-"claim" mas-socjeta` assikuratrici attrici kienet in effetti dik bl-isem "Continental Cars Ltd." Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni ta' Michael Chetcuti nomine qed tigi michuda.

Dwar it-tieni eccezzjoni tas-socjeta` Gollcher Co. Ltd.: Fit-tieni eccezzjoni taghha din il-kumpanija qed issostni li l-attur nomine ddekada mid-drittijiet tieghu a tenur ta' l-artiklu 17(2) tal-polza ta' kariku. Pero` ma ressqet l-ebda prova in sostenn ta' din l-eccezzjoni, lanqas il-polza ta' kariku relattiva u li fuqha qed tibbaza l-eccezzjoni taghha. Din l-eccezzjoni hi ghalhekk ukoll michuda.

Dwar ir-raba' eccezzjoni tas-socjeta` Gollcher Co. Ltd.: Hawn ukoll jirrizulta li din is-socjeta` konvenuta ma ressqet l-ebda prova in sostenn ta' tali eccezzjoni li ghalhekk hi michuda.

Il-fatti ta' dan il-kaz kif irrizultaw mill-provi kienu dawn:

Is-socjeta` Continental Cars Ltd importat 24 karrozza Citroen li waslu Malta fis-16 ta' April 1993 fuq il-vapur City of Dublin li l-agenti taghha hija s-socjeta` konvenuta Gollcher Company Ltd. Ma hemm l-ebda prova li meta tghabbew fuq il-vapur kellhom xi hsara jew nuqqasijiet. Anzi l-polza ta' karigu relattiv (Dok. Y a fol. 32) jindika li telghu "clean on board". Meta tnizzlu Malta minn fuq il-vapur sar "joint tally" minn rapprezentanti taz-zewg socjetajiet konvenuti (Dok. SC1 esebit minn Sinclair Cassar fis-seduta tas-17 ta' Gunju 1999 quddiem l-assistant gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia). Minn dan it-"tally" irrizultaw:

- one head-lamp missing
- electric window damaged.

Fit-"tally sheet" esebita mis-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd. hemm indikat:

- one with left head lamp missing
- electric window don't work
- of which 1 car with window couldn't lock

Ladarba ma ngabitx xiehda li l-karrozzi tghabbew fuq il-vapur b'din il-hsara u nuqqas u nstabu hekk meta tnizzlu, bilfors li l-imsemmija hsara u nuqqas graw waqt li l-karrozzi kienu f'idejn it-trasportaturi u ghalhekk is-socjeta` konvenuta Gollcher Company Ltd trid twiegeb ghalihom.

Issa skond is-survey (Dok. A a fol. 6 sa 8) m'hemm l-ebda riferenza ghal "electric window". Dwar il-"head lamp" pero` nsibu s-segwenti deskrizzjoni:

- front head lamp complete with Lm26.74
  lens missing 9.19

Is-socjeta` Gollcher Co. Ltd. ghalhekk trid twiegeb ghas-somma ta' Lm35.93 oltre sehem mis-"survey fees" kif se jinghad aktar 'il quddiem.

Billi s-"survey" sar f'Laboratory Wharf qabel ma l-karrozzi nghataw f'idejn is-socjeta` importatrici, il-hsarat u nuqqasijiet l-ohra li jidhru fis-"survey report" graw waqt li l-karrozzi kienu f'idejn is-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd. Huwa minnu li skond il-"gate pass-out" (a fol. 55) l-unika hsara indikata hija dik tal-"head lamp and lens". Izda Noel Ellul xehed li d-"delivery clerk" tal-Cargo Handling, Anthony Schembri, qallu li kellu ordni biex ma jnizzilx fil-"gate pass-out" danni jew nuqqasijiet li ma jkunux ga` tnizzlu fit-"tally sheet" waqt l-iskarikar tal-karrozzi minn fuq il-vapur. Din ix-xiehda ma gietx kontradetta. Id-danni b'kollox, skond is-"survey", kienu ta' Lm230. Meta nnaqqsu d-danni li ghalihom twiegeb is-socjeta` Gollcher Co. Ltd., jifdal bilanc ta' Lm194.07 bhala danni li graw waqt li l-karrozzi kienu f'idejn The Cargo Handling Co. Ltd.

Qabel ma naraw jekk The Cargo Handling Co. Ltd. ghandhiex thallas dawn id-danni, irridu naraw l-eccezzjonijiet taghha:

<u>Fl-ewwel eccezzjoni</u> ta' The Cargo Handling Co. Ltd. qed tigi eccepita l-inkompetenza ta' din il-Qorti "ratione valoris". L-attur nomine qed jitlob danni fl-ammont totali ta' Lm326, kwantu ghal Lm230 ammont li thallas lis-socjeta` assigurata importatrici u kwantu ghal Lm96 "survey fees". Il-htiega ghas-survey u ghall-ispejjez taghha qamet ghax saret il-hsara u ghalhekk huwa xieraq li min jahti ghall-hsara jhallas ukoll l-ispejjez mehtiega biex ikun maghruf kemm hija l-hsara (Prim'Awla, Citaz. Nru. 572/95GCD, Dr. Simon Micallef Stafrace noe vs Godwin Abela et noe et, 22 ta' Mejju 1998). Ghalkemm fl-istess eccezzjoni gie sostnut li l-imsemmijin "survey fees" huma esagerati, ma ntqal xejn aktar f'dar-rigward tul il-kors tal-kawza u filwaqt li proporzjonatament ghall-valur ta' hsarat jistghu jidhru esagerati, irid jitqies li kellhom jigu ezaminati 24 karrozza u konsegwentement is-somma ndikata mhix realment esagerata.

U dwar il-kwistjoni ta' surroga, mhuwiex necessarju li jkun hemm surroga formali peress li tezisti "tpacija bejn id-debitu tal-importatur ghal dawn l-ispejjez u l-kreditu tieghu ghalihom in forza tal-kuntratt ta' assikurazzjoni" u ghalhekk huma drittijiet li thallsu minhabba l-"claim" li sar mill-importatur (Noel Ellul noe vs Comm. Silvio Mifsud et noe et, deciz fl-24 ta' Gunju 1996, Citaz. 929/92 JDC). Ghalhekk, id-danni totali sofferti mis-socjeta` assikuratrici kienu ta' Lm326 u, meta giet intavolata l-kawza, dan il-mertu kien jidhol fil-kompetenza ta' din il-Qorti. Din l-ewwel eccezzjoni hi konsegwentement michuda.

It-tieni eccezzjoni hi milqugha limitatament ghal dik il-hsara li rrizultat hija responsabbli ghaliha s-socjeta` konvenuta l-ohra.

It-tielet eccezzjoni hi mibnija fuq ir-regolament 86 tar-Regolamenti dwar il-Portijiet ta' l-1966. Dan ir-regolament huwa dwar pakki li jkunu difettuzi meta jitnizzlu minn fuq il-vapur. Diga` rajna li ghall-hsara fil-karrozza li tnizzlet bil-hsara ser taghmel tajjeb is-socjeta` konvenuta l-ohra. Ghalhekk din l-eccezzjoni hi michuda safejn tolqot il-bqija tad-danni, waqt li ghal dawk id-danni li ser jaghmel tajjeb ghalihom haddiehor m'hemmx ghalfejn inqisuha aktar.

Ir-raba' u l-hames eccezzjonijiet gew irtirati fis-seduta tas-7 ta' April 2000 u ghalhekk il-Qorti mhux ser tiehu konjizzjoni aktar taghhom.

Is-sitt eccezzjoni tirrigwarda d-data minn meta ghandu jiddekorri l-imghax. Il-Qorti taqbel ma' din l-eccezzjoni.

Fin-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri ta' The Cargo Handling Co. Ltd. ipprezentata fil-21 ta' Marzu 1995 giet eccepita n-nuqqas ta' responsabbilta' a bazi tar-Regolamenti 70 u 90 u Schedule 13 tal-Port Regulations 1966 u l-artikolu 6(3) tal-Ports Ordinance 1962.

Dwar ir-Regolament 70 jirrizulta li dan ir-regolament ighid biss kif ghandhom jinhargu l-ircevuti u ma jghid xejn dwar helsien minn responsabbilta'. Ghalhekk din l-eccezzjoni ma tghoddx ghall-kaz prezenti.

Dwar ir-Regolament 90, issir referenza ghal dak li ntqal fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fit-2 ta' Mejju 1989 fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Felice Pace noe vs Godwin Abela noe**:

*"Ir-regolament ma jipprovdix ghar-relazzjoni tal-Cargo Handling u l-importatur, imma jipprovdi ghar-relazzjoni tas-Sovrintendent ma' min*

*jircievi l-ordni ta' l-istess Sovrintendent .... Il-Cargo Handling ghandha drittijiet u obbligi versu l-importatur li gejjin mill-funzjonijiet u l-attivitajiet li gew akkordati lilha, u fost dawn l-obbligi hemm dak illi jekk ikollha f'idejha merkanzija li ma tistax tinhazen, u jkollha zzomm fil-berah, trid thares l-istess merkanzija minn kull hsara li tista' tigrilha minhabba dan il-fatt".*

Dwar l-artikolu 6(3) tal-Ports Ordinance diga' gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza moghtija fis-16 ta' Ottubru 1996 fil-kawza fl-ismijiet Dr. Joseph Zammit McKeon noe vs David Jones et noe et" (Vol. LXXX.iii.1312) li dak l-artikolu m'ghandux iwassal ghal interpretazzjoni li jfisser li d-Direttur tal-Portijiet jew il-kuntrattur tieghu ma huwa qatt responsabbli u li m'ghandhomx japplikaw il-principji tal-Kodici Civili.

Ghaldaqstant l-eccezzjonijiet ulterjuri sollevati mill-konvenuti Godwin Abela et nomine huma michuda.

Fl-ahharnett is-"survey fees" ta' Lm96 ghandhom jithallsu mis-socjetajiet konvenuti fl-istess ishma kif inqasmu d-danni bejniethom. Is-socjeta` The Cargo Handling Co. Ltd. ghandha thallas Lm81 filwaqt li s-socjeta` Gollcher Co. Ltd. ghandha thallas Lm15.

The Cargo Handling Co. Ltd. ghandha ghalhekk thallas b'kollox Lm275.07 kwantu ghal Lm194.07 danni u Lm81 "survey fees", filwaqt li Gollcher Co. Ltd. ghandha thallas Lm50.93 kwantu ghal Lm35.93 danni u Lm15 "survey fees".

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici u

(1) tiddikjara lill-konvenuti nomine responsabbli ghad-danni fl-ishma kif spjegat,
(2) tillikwida d-danni fl-ammont mitlub ta' Lm326,
(3) tikkundanna lis-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd. thallas lill-attur nomine s-somma ta' Lm275.07, u
(4) tikkundanna lis-socjeta` Gollcher Co. Ltd. thallas lill-attur nomine s-somma ta' Lm50.93.

bl-imghax f'kull kaz mid-data tac-citazzjoni.

Bl-ispejjez li jithallsu kwantu ghal erba' kwinti (4/5) mis-socjeta` The Cargo Handling Co. Ltd. u kwantu ghal kwint (1/5) mis-socjeta` Gollcher Co. Ltd.

**Onor. Imhallef David Scicluna**

**D/Registratur**